MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 299/2010

Kawza fil-lista: 11

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores**
**u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D, mizzewwga B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fis-19 ta’ Lulju 2000; li l-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [d] u dak tal-konvenuta fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li l-konvenuta zzewwget lill-attur ghall-skopijiet ta’ konvenjenza sabiex

tkun tista’ toqghod f’ pajjiz ta’ l-Unjoni Ewropea; li l-konvenuta eskludiet li jkollha tfal f’ dan iz-zwieg; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara dan iz-zwieg null u bla effett fil-ligi; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati rrilevaw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta huwa null fil-ligi fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.
Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-attur, cittadin Malti, izzewweg lill-konvenuta, cittadina Bulgara, fis-19 ta’ Lulju 2000 meta allura l-attur kellu 21 sena u l-konvenuta kellha 24 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sena u nofs.

Il-partijiet iltaqghu Malta u bdew ir-relazzjoni taghhom f’ Malta. Mill-bidunett kien jidher car li l-konvenuta kienet tiddomina lill-attur, u eventwalment bdiet tinsisti mieghu biex jizzewwgu peress li hi kienet Malta illegalment peress li l-visa taghha kienet skadiet, u wkoll kienet qeda tahdem illegalment. Ghalhekk sabiex jizzewwgu l-partijiet kellhom imorru l-Bulgarija biex jizzewwgu hemmhekk.

Wara z-zwieg huma gew lura Malta u inizjalment marru joqghodu mal-genituri ta’ l-attur, izda l-konvenuta bdiet turi li hi ma kienitx lesta li terfa’ r-responsabbilitajiet taz-zwieg; kienet ukoll tevita li fir-relazzjonijiet intimi l-att taz-zwieg isir komplut, u ghalhekk ma twieldux tfal.

Barra minnhekk meta l-partijiet kienu marru jghixu go appartament wahedhom, l-attur skopra li martu kienet qed tkun infidila lejh, izda minkejja dan hija xorta wahda kienet

avvicinatu sabiex jiffirmalha l-karti sabiex takkwista c-cittadinanza Maltija, haga li l-attur kien irrifjuta li jaghmel.

Eventwalment il-partijiet isseparaw, u wara s-separazzjoni l-konvenuta qatt ma regghet ikkuntatjatu “ghaliex imbaghad ma kellhiex bzonni aktar peress li l-Bulgarija fil-frattemp saret membru ta’ l-Unjoni Ewropea.” [Fol.21].

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] fil-konfront tal-konvenut, stante li apparti mill-fatt li din izzewwget ghal motiv izbaljat, mill-komportament taghha kemm qabel, u aktar u aktar fiz-zwieg, irrizulta li kienet inkapaci li tassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-*ben essere* reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-19 ta’ Lulju 2000.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------